**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 59 – IT-TLIETA, 5 TA' SETTEMBRU 2023 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Sindku |
| Oriana Calleja | Viċi Sindku |
| Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| Eugenio Muscat | Kunsillier |
| Ronald Portelli | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 57**

1.1 Fil-minuti 57.15.1, għandha tidħol "kien hemm qbil unanimu".

1.2 Is-Sur Ronald Portelli ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 57**

2.1 Dwar 57.7.1, fejn kien hemm applikazzjoni jew permess għal access ramp għall-bajja, għandha ssir talba lill-Perit tal-Kunsill biex tiġi identifikata jekk dan il-permess għadux validu.

2.2 Dwar 57.13.2, ġie kkonfermat li ser jitħawlu żewġ siġriet fi Triq ix-Xatt.

2.3 Dwar 57.5, għandha ssir laqgħa ma' Marcon tar-Reġjun dwar dan.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 58**

3.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Ronald Portelli ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Punti mtella mill-Minuti 58**

4.1 Ma kienx hemm punti.

**5 Pagamenti**

5.1 Il-pagamenti ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur Ronald Portelli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-kampanja edukattiva li ser issir fil-bajja permezz tal-iSkema Clean up the World.

6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mal-Primary Health Care, biex tiġi stabbilita clinic fil-lokal. Għandu jinstab post, anke mill-privat biex jibdew isiru s-servizzi tas-saħħa għar-residenti.

6.3 Konferenzi barra minn Malta. Kien hemm diskussjoni dwar numru ta' konferenzi li ser isiru barra minn Malta. Bejn l-1 u l-4 ta' Ottubru 2023 hemm Forum tas-Sindki, tal-UN f'Geneva, fejn ser jattendu s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Hemm ukoll konferenza tar-Reġjuni fi Brussel bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru 2023. Għal din għandu jattendi s-Sur Eugenio Muscat. Bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru 2023 hemm ECAD San Patrinjanu u bejn il-25 u t-30 ta' Ottubru 2023 hemm konferenza Calacione, din ser tattendi għaliha s-Sinjura Louise Cachia Castelletti.

**7 Korrispondenza**

7.1 Kien hemm qbil li għandu jittieħed parir mill-Avukat tal-Kunsill dwar it-talba għal refużjoni għall-fondi għal iBins li jaħdmu bis-solar.

7.2 Ftehim mal-kumpanija Bulletproof, biex jiġu nstallati outdoor gym equipment. Ġiet innutata klawżola fil-kuntratt 2.7 li trid tiġi kkunsidrata qabel ma jiġi ffirmat dan il-ftehim.

## 8 Affarjiet Oħra

8.1 Is-Sur Eugenio Muscat ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn manutenzjoni fil-bitħa. Hu tkellem ukoll dwar il-parkeġġ tal-Kunsill u dan għandu jiġi rregolat billi issir talba lil TM.

8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandha ssir attività fix-Xatt bħala fund raising għal Andrea Calleja.

8.3 Is-Sinjura Oriana Calleja lmentat li qed ikun hemm min qed jostakola Triq il-Maskli, bla permess, waqt li jkunu qegħdin isiru xi xogħlijiet.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Ottubru 2023 fil-5.30pm.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**